**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 75**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 9 ta' Mejju 2024, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento -Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Ralph Puli - Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier
George Muscat - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier

**ASSENTI**

Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

75.1 **Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 74 u kopja tal-Minuti tal-Laqgħa Annwali 2024, liema Minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati.

75.2 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

75.2.1 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara talba tal-Kunsillier Ralph Puli fis-Seduta numru 74, id-Deputat Segretarju eżekuttiv bagħtet kopja elettronika tal-Annual Budget 2024 lil Kunsilliera kollha, permezz ta' ittra elettronika.

75.2.2 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara talba tal-Kunsillier Dr Sean Apap Meli fis-Seduta numru 74, l-Ass Principal is-Sinjorina Bernice Darmanin bagħtet kopja elettronika tal-attendenza tal-kunsilliera f'din il-leġislatura permezz ta' ittra elettronika.

75.2.3 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara talba ta' xi resident biex Triq Wenzu Gafa tibdel id-direzzjoni tagħha, ntbagħtet ittra lir-residenti biex jagħtu l-opinjoni tagħhom. Is-Sindku informa lil membri illi il-maġġoranza tar-residenti li irrispondew ma qablux li Triq Wenzu Gafa tibdel id-direzzjoni.

75.2.4 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara talba ta' xi resident biex Triq il-Barrakki tibdel id-direzzjoni tagħha, ntbagħtet ittra lir-residenti biex jagħtu l-opinjoni tagħhom. Is-Sindku informa lil membri illi il-maġġoranza tar-residenti li irrispondew ma qablux li Triq il-Barrakki tiġi one way bil-kontra.

Il-Kunsillier Doris Zammit ġibdet l-attenzjoni li residenti min dik it-triq kienu ippreżentaw petizzjoni is-sena l-oħra, liema petizzjoni kellha madwar 50 firma.

Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju eżekuttiv sabiex tiċċekkja mal-uffiċċjali tal-kunsill fiex waslet din il-petizzjoni.

75.2.5 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li it-talba biex issir road hump fi Triq il-Wied quddiem tas-Sapun, ma ġietx approvata minn Transport Malta.

75.2.6 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali rċieva talba għall-ħlas ta' €1700 mingħand il-Kumpanija Content House. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv talbet spjega lill-kumpannija msemmija fejn dawn qalulha li kellhom ftehim ma *Ms Karen Camilleri* li dawn jiġu jagħmlu intervista lis-Sindku għal fuq il-magazine *Guide Me Malta*.

Is-Sindku nforma li hu ma kienx jaf li l-intervista li kienet semmietlu *Ms Camilleri*, kienet se tkun bi ħlas. Għaldaqstant is-Sindku ma aċċettax li jagħmel din l-intervista u il-kumpanija kienet infurmata b'dan. Minkejja dan, il-kumpanija bagħtet credit note ta' €1062 u statement b'bilanċ ta' €708 biex jitħallas bħala "Cancellation Fee".

Wara diskussjoni mal-membri ġie deċiż li tali talba għall-ħlas ma tiġix approvata.

75.2.7 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li saru diversi talbiet sabiex issir zebra crossing viċin *Guido Cash and Carry* - Il-kunsill talab ir-rakkomandazzjoni tal-perit. Il-Perit informa lill-kunsill li biex issir zebra crossing f'dik il-parti ta' Triq Amleto Spiteri trid issir bankina mal-ħajt ta' faċċata tal-ħanut tax-xorb u ikollhom jiġu mneħħija il-parkeġġi f'din iz-zona. Il-membri qablu li tali talba ma tistax tiġi milqugħa.

75.2.8 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2024 nbeda ix-xogħol fuq il-bankina ta' Triq San Bastjan minn Triq l-Arkata l-isfel.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** nforma lill-membri li hu iltaqa' darbtejn mal-Perit tal-Kunsill u mal-Kuntrattur fuq il-post. Il-Kunsillier Cuschieri spjega li biex ma isirx ħsara fuq l-arkata, il-parti li tmiss mal-arkata mhux se tiġi eskavata. Għaldaqstant qed jiġi maħsub sabiex mal-ħajt fejn preżentement ma hemmx bankina, issir struttura fuq wara tal-arkata, maqtugħa mill-istess arkata, sabiex din tintuża bħala passaġġ li jgħaqqad bankina ma oħra.

Il-Kunsillier Cuschieri semma kif se jitpoġġew żewġ katusi kbar minflok waħda kif kien propost originarjament, sabiex minnhom jgħaddi volum akbar ta' ilma.

75.2.9 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva ittra elettronika b'risposta għal pagament mhux approvat tal-Perit William Lewis. Is-Sindku qara din l-ittra elettronika lill-membri.

Wara diskussjoni bejn il-membri, ġie maqbul li il-kunsill se jibqa' fuq id-deċiżjoni li ħa fis-Seduta 74. Dan għaliex, il-Kunsill preżenti ma jistax jorbot lill-kunsill li se jiġi iffurmat fix-xahrejn li ġejjin, bit-tali proġett.

75.2.10 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali rċieva diversi ittri elettroniċi mingħand is-sinjura Sharon Busuttil fejn qed tilmenta li il-vettura tagħha ġarrbet ħsarat f'Diċembru 2023 fuq ir-road hump fi Triq l-Isqof Scicluna kantuniera ma Pjazza Federico Maempel.

Is-Sinjura Busuttil qed tilmenta li dan ġara minħabba li is-sinjali fuq ir-rampa ma kienux ċari. Din il-korrispondenza kienet ilha tintbagħat mit-3 ta' Jannar 2024 u ma kienetx qed tiġi imwieġba.

Fit-8 ta' Marzu 2024, is-Sinjura Busuttil reġgħet bagħtet ittra elettronika, issa lid-deputat Segretarju Eżekuttiv. Fit-8 ta' Marzu stess, intbagħat rappreżentant tal-kunsill jiċċekkja fuq il-post u kien jidher li ir-road hump kellha sinjali. Aktar min hekk, hemm tabelli li jindikaw li ġejja road hump.

Fid-dawl tal-fatt li ir-road hump ilha diversi snin li saret, li is-Sinjura Busuttil hija familjari ma' Hal Qormi għaliex trabbiet u tgħix f'dan ir-raħal u kif ukoll għal-fatt li hemm tabelli jindikaw li ġejja tali road hump u hemm tabelli SLOW minħabba l-iskola, il-kunsill ma jsib l-ebda bażi fuqhiex għandu jirrifondi tali spejjeż.

75.2.11 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li rċieva stedina mingħand is-Sinjura Doreen Camilleri il-Managing Director ta' Palazzino Nina li jinsab fi Triq Santa Katerina Hal Qormi.

L-istedina hija biex il-kunsill Lokali Hal Qormi jieħu sehem fil-fiera li se tittella' fl-Isvizzera aktar tard din is-sena, sabiex jippromovi Hal

Qormi. Il-ħlas għas-sehem tal-Kunsill Lokali f'din il-fiera huwa ta' €2800 għal-tliet ijiem jew €750 għall-ġurnata waħda. F'dawn iċ-ċifri mhux inkluż il-ħlas u l-ispejjeż tar-rappreżentant mill-kunsill biex jattendi u joqgħod fuq li stand.

Il-membri qablu li fil-pożizzjoni finanzjarja li jinsab fiha il-Kunsill, is-Sinjura Camilleri għandha tiġi infurmata li il-kunsill Lokali Hal Qormi ma jistax jidħol għal tali spiża.

75.2.12 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li t-tender for the Provision of Energy Efficient Lighting Equipment and Maintenance of Street Lighting għalqet fl-1 ta' April 2024. Il-Kunsill rċieva offerta waħda u l-evaluation board qed jirrakkomanda li t-tender tingħata lil Kumpanija Mica Med Ltd Il-kuntratt se jkun qed jiġi ffirmat għal sena li jista' jiġġedded għal 4 snin. Il-Kunsill approva.

75.2.13 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li l-avukat tal-Kunsill Dr Simon Cachia talab informazzjoni jekk il-Kunsill Lokali Hal Qormi hux interessat li it-tliet kawżi pendenti jixtieqx li jibqa' jieħu ħsiebhom Dr Simon Cachia wara Awwissu (irrispettivament minn min jirbaħ it-tender il-ġdid wara Awwissu 2024).

L-avukat Cachia nforma li ma għandux oġġezzjoni li jibqa' jieħu ħsiebhom dawn il-kawżi. Fil-każ li il-Kunsill Lokali jaċċetta, l-avukat Cachia irid ikun jaf kif se jitħallas u issuġġerixxa li jew jitħallas tax-xogħol individwalment kif isir wara li jippreżenta fattura lil Kunsill, inkella isir ftehim li jingħata retainer fee ta €300 eskluż il-VAT fix-xahar, sakemm dawn il-kawżi kollha jinqatgħu.

Fuq it-talba ta' Dr Simon Cachia il-membri qablu li Dr Cachia għandu jitħallas tax-xogħol individwalment.

75.2.14 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-kuntratt ta' ġbir ta' skart taċ-ċimiterju (mill-kollettur imqabbad mir-Regjun Nofsinhar) se jiskadi fl-aħħar ta' Mejju 2024.

L-ispiża għal ġbir tal-iskart qed tiġi dejjem għola minn dak miftiehem, għaliex skond is-Sinjura Mariella Strout qed ikun hemm il-fjuri u il-ħaxix li huwa skart organiku.

Minn investigazzjoni interna li għamel il-Kunsill, dan mhux veru, għaliex l-iskart jinġabar u jintrema mal-borża is-sewda, fl-istess trakk waqt ir-rotta tal-ġbir tal-iskart domestiku. Xi drabi ukoll dan l-iskart jinqabeż u ma jinġabarx.

Għaldaqstant il-kunsill ġab stima mingħand Kuntrattur privat ieħor tal-iskart u dan offra li jiġbor l-iskart għal- €300 eskluż il-VAT fix-xahar, u qed joffri ukoll li ipoġġi skip magħluq, liema skip jitħalla fuq ġewwa taċ-ċimiterju wara ir-rixtellu.

Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex tintlaqa l-offerta ta' R&A Waste Services Ltd.

75.2.15 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li Ġnien Baldassare Facciol qed jitkompla. Tkomplew it-trinek tad-dawl li ma kienux saru mill-kuntrattur u inxtegħlu il-fanali tal-ġnien. Tressaq l-arloġġ tal-ilma mill-kamra il-qadima għal dik ġdida. Il-kunsill għamel applikazzjoni mal-ARMS sabiex isir shifting tal-arloġġ tad-dawl mill-kamra il-qadima għal dik ġdida. Saru kurduni biex jilqgħu il-ħamrija, issewwiet ħsara fuq ħajt imwaqqa' fil-ġnien, qed jinżebgħu il-bankijiet u ċnut mill-ġdid, għadda il-wiring tal-cameras u waslu biex jitwaħħlu il-canopies ukoll. Iddaħħlet il-ħamrija mill-Kuntrattur tal-Kunsill u tħawlu diversi siġar li tawna b'xejn Ambjent Malta.

Il-Kunsill hawnhekk waqaf sabiex jirringrazzja lil Vici Sindku Donna Barbara, li bil-kuntatti tagħha ġew mgħotija, bla ħlas, is-siġar kollha li qed jitħawwlu.

75.2.16 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-kunsill Lokali Hal Qormi ġabar stimi għal *CCTV* cameras fi Ġnien Baldassare Facciol. Dawn se jsiru fuq il-poles tad-dawl li diga jinsabu mwaħħla. L-istima għall-ħames cctv cameras hija ta' €1631 inkluż il-VAT. Il-membri kollha qablu.

75.2.17 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma illi id-Direct Order request biex jitħallas il-fornitur tal-canopies għal Gnien Baldassare Facciol (Misraħ iż-Żebbuġ) ma ġietx milqugħa mid-dipartiment tal-Gvern Lokali.

Għaldaqstant, minħabba li dawn il-canopies kienu ilhom li ġew kummissjonati mill-kuntrattur li kien qed jaħdem fuq Misraħ iż-Żebbuġ lis-sub contractor tiegħu, u li issa dawn lesti biex jitwaħħlu, jekk ikun

hemm qbil bejn il-membri, dawn il-canopies jitħallsu dirett mill-ftehim li il-Kunsill Lokali għandu mal-Kumpanija Tuminvest.

Il-membri kollha qablu ma din il-proposta.

75.2.18 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li ilbieraħ l-Erbgħa 8 ta' Mejju 2024, saru l-intervisti lil 10 persuni li applikaw għal-post ta' Cleaner General Hand Scale 18.

Min dawn l-għaxra; tnejn kienu Filippini li la ma jafux jitkellmu bil-malti, la għandhom esperjenza ta' xogħol u lanqas għandhom Permessi biex jaħdmu Malta. Tlieta oħra qalulna li fejn qed jaħdmu għandhom aktar siegħat ta' xogħol u paga aktar, persuna oħra ma xtaqitx li taħdem wara nofsinhar. Mill-erba' li kienu interessati u eliġibbli, il-Board magħmul mis-Sindku Dr Josef Masini Vento, il-kunsillier Ralph Puli u il-kunsillier Dr Sean Apap Meli intagħżlet is-Sinjura Jane Chetcuti.

75.2.19 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ġibed l-attenzjoni li il-ftehim ma Notebook Centre qatt ma kien onorat. Għaldaqstant qed nitolbu biex l-approvazzjoni tal-Invoice 6975 li tkopri il-perjodu 01/08/2023 - 31/07/2024 mibgħuta minn The Notebook Centre għal-ammont ta' €5882.30 li sallum għada ma tħallsitx tiġi revokata.

Il-membri kollha qablu u il-pagament mhux approvat.

75.2.20 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lil membri bis-sitwazzjoni tal-kuntrattur tat-tabelli u is-sinjali.

Billi il-Kuntrattur ilhu minn Marzu 2023 biex iġib il-performance guarantee u billi tali kuntrattur mhux qed jigi jagħmel ix-xogħol mibgħut f'works orders lilu, il-Kunsill qed jiddeċiedi li joħroġ l-ewwel default notice lil Kumpanija 5H Ltd

Il-membri kollha qablu li tinħareġ tali default u jekk jibqa' ma jiġix jagħmel ix-xogħol sa żmien ġimgħa mill-lum, ix-xogħol jingħata lil kuntrattur ieħor b'servizz tal-emerġenza.

75.2.21 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma illi illum 9 ta' Mejju 2024, il-Kunsill Lokali Hal Qormi ingħata l-Ittra ta' Mpenn u ġejna mgħarrfa

li se ningħataw 80% ta' proġett sa massimu ta' €80,000. Liema Proġett għandu it-Titlu - Tiġdid u tisbiħ ta' Triq il-Kbira u Pjazza San Frangisk.

75.2.22 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li tħabbret l-iskema Ġonna fl-Urban, liema skema qeda biex jitħawwlu siġar taż-żebbuġ u tal-Larinġ f'areas madwar Hal Qormi. L-iskema se tkun qed tħallas sa massimu ta' €10 kull siġra, massimu ta' €500 kull Kunsill Lokali.+

Il-Kunsilliera kollha qablu li napplikaw.

75.2.23 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kav Karmenu Bianchi ġab stima għal-istampar tal-ktieb. Din l-istima tammonta għal €1200 exc 5% VAT għall-istampar ta' 200 kopja. Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri u ġie maqbul li il-Kunsill Lokali jidħol għal-tali spiża.

75.2.24 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Quddiesa ta' Jum Ħal Qormi ser issir nhar il-Ġimgħa 24 ta' Mejju fis-6.30pm, fil-Knisja Arċipretali.

75.2.25 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva ittra mill-uffiċċju tal-Ombudsman rigward talba għal road hump fi Triq il-Ħelsien. Din it-talba qed issir lilu min Dr Tonio Cachia u Ms Vanessa Grech. Il-komunikat jgħid li Dr Cachia u Ms Grech ikkomunikaw ma Transport Malta u qed jinsistu sabiex flimkien mat-talba ta' l-ispeed camera, issir ukoll ir-road hump anke mingħajr il-firem tar-residenti.

Il-membri qablu li il-Kunsill jitlob lil TM il-Policy tar-Roadhumps u ir-risposta lill-uffiċċju tal-Ombudsman tintbagħat wara li il-kunsill ikollu din il-policy f'idejh.

## 75.3 Mozzjonijiet

### 75.3.1 Mozzjoni Nru 122 imressqa mill-Kunsillier Daniel Ablett

*Minħabba li Infrastructure Malta nfurmat lil kunsill li għalissa ma tistax tagħmel resurfacing ta' triq ġdida fi Triq id-Dukkara, għar raġuni li għad ma hemmx biżżejjed ammont ta' familji jgħixu f'din it-triq. Qiegħed nitlob lil kunsill sabiex jekk ikun possibbli, din l-istess triq tiġi mwittija*

*bit-Torba u imballat bi plate. B'hekk bħala kunsill nkunu qed nnaqqsu l-inkonvenjenzi lejn ir-residenti.*

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li hu għandu ippjanata laqgħa mal-Onor Chris Bonnett u se jitolbu sabiex din it-triq issir minn Infrastruttura Malta.

**75.3.2 Mozzjoni Nru 123 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

*Għar-rigward ta' l-akkwata hekk kif qed tigi murija fuq il-pjanta hawn annessa u immarkata bħala dokument "A", ossia fi Triq il-Kbira (magħrufa wkoll bħala Pjazza San Franġisk), waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' San Gorg Martri, ma huwiex permess li jiġu armati barijiet barra, salv għall-ħwienet tax-xorb hekk kif ikunu liċenzjati skont il-liġi, li jkollhom tali liċenzja valida għal ta' mill-anqas sentejn qabel. Kull ħanut tax-xorb hekk kif liċenzjat skont il-liġi, ma jkunx jista' jarma bar fuq barra aktar il-bogħod mid-distanza ta' sittin metru radius mil-lok ta' l-istess ħanut.*

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw Favur l-Għaxar Kunsilliera (10) preżenti.

Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill unanimament approva **Mozzjoni Nru 123** (VIII)

**75.4 Ħwejjeġ Oħra**

**75.4.1** **Il-Kunsillier Daniel Ablett** nforma lil Kunsill li ġie mitlub minn membri mill-kumitat Festi Esterni sabiex isir shifting ta' fanal li il-kunsill Lokali waħħal fi Triq il-Kbira. Dan minħabba li fejn twaħħal se jostakola biċċa armar tal-festa.

Il-membri qablu li jigi infurmat il-Contract Manager tal-Kunsill sabiex javviċina lis-sid tad-dar li tinsab faċċata, sabiex jekk dan jaċċetta, liema fanal jitwaħħal ma' din il-faċċata għas-spejjez tal-kunsill.

**75.4.2** **Il-Kunsillier Daniel Ablett** staqsa jekk kienx hemm żvilupp fuq il-każ tal-bankina li nbniet mingħajr awtorizzazzjoni fi Triq Mifsud Ellul.

Minħabba il-fatt li fejn saret il-bankina kienu qed jiġu ipparkjati vetturi u jagħlqu l-aċċess għal din id-dar, il-membri qablu li il-kunsill jitkellem mal-perit tal-kunsill u jistaqsih jekk tistax issir applikazzjoni għar-*realignment* ta' parti mit-triq, partikularment quddiem din ir-residenza fi Triq Mifsud Ellul.

**75.5 Nomini Gieħ Hal Qormi, Onorifiċenza Speċjali u Għarfien il-Hila**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ressaq għal-approvazzjoni tal-kunsill il-lista għall-għoti ta' unuri kif ġej:

**75.5.1 Gieh Hal Qormi**

Sebastian Debono

**75.5.2 Onorifiċenza Speċjali**

1. Francis Mintoff
2. George Farrugia

**75.5.3 Għarfien il-Hila**

**Għaqdiet:**

1. Alexander Camilleri - Ralph & Marvin
2. Victor Cilia - Sean
3. Joseph Bezzina - KFE - Ralph
4. Shaun Formosa - George
5. Darren Grech - Qormi Scouts San Gorg - Daniel
6. Kummissjoni Narbona – Marvin & Josef
7. Stefan Micallef - Daniel
8. Henry Cauchi - Daniel
9. Lucio Saliba - Josef & Daniel
10. Roderick Agius (Armar San Bastjan) - Josef
11. Mario Farrugia (Armar San Bastjan) - Josef
12. Joseph Bezzina (Armar San Grog) - Josef
13. Justin Zahra ( Armar San Gorg ) - Josef
14. Anthony Agius (San Gorg Martri) - Josef
15. Ludwig Vella (San Gorg Martri) - Josef
16. Marthese Borg (Ghaqda Nar San Bastjan) - Josef
17. Emanuel Borg (Ghaqda Nar San Bastjan ) - Josef
18. George Agius ( Ghaqda Nar San Gorg) - Josef

19. Jimmy Agius (Ghaqda Nar San Gorg ) - Josef
20. Carmelo Farrugia (s-Slimiz) (Kazin San Batjan) - Josef
21. Francis Saliba (Każin San Bastjan) - Josef
22. Marius Debono (Anici) - Josef
23. Franklin Psaila ( Anici) - Josef
24. Joe Pisani (Nar San Gorg ) - Josef

**Intrapriza:**

1. TSS (Sound) - Ralph
2. Gino Buhagiar (tas-siggijiet) - Ralph
3. Natalino Xuereb - Charlie Cuschieri

**Servizz lil-Kunsill:**

Karen Camilleri

**Servizz Volontarjat :**

1. Suor Bartolomea Gauci - Doris
2. Saviour Magri - Marvin

**Servizz lil Komunita':**

1. Surgent Dennis - Ralph
2. Simone Fenech - Josef
3. James Sghendo - Josef
4. Dolores Apap - Ralph
5. Maria Mifsud - Charlie
6. Althea Galea - Charlie
7. Mario Camilleri - Ralph
8. Mark Cremona - Ralph
9. Emmanuel Montebello - Josef
10. Pawlu tal-Muzew - Josef

**Sports:**

1. Gail Diacono - Segretarjat
2. Kevin Bonnici (champion ta' l- Arcerija ) - Josef
3. Anthony Mifusd (pool champion ta' l-Ewropa) - Josef
4. Vince Saliba (pool champion ta' l-Ewropa) - Josef

5. Ryan Falzon (pool champion ta' l-Ewropa) - Josef
6. Malcolm Azzopardi (pool champion Ewropa) - Josef
7. Karmenu Vella ( pool champion ta' l-Ewropa) - Josef
8. Pierre Tonna (kickboxing ) - Josef

Il-Lista tan-Nomini *Ġieħ Ħal Qormi*, Onorifiċenza Speċjali u Għarfien il-Ħila ġiet approvata b'mod unanimu.

**75.6**

**Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2024.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ssekonda.

Il-pagamenti ġew approvati.

**75.7**

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 21 ta' Mejju 2024 fis-6.30 ta' filgħaxija, permezz tas-sistema Online.

Konfermati llum, ***21 ta' Mejju 2024***.

Josef Masini Vento (Dr)
Sindku

Marilyn Baldacchino Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv